TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1467

KAZ NRU. 1736

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Doreen Vidolich

u

Denim Sports Wear Limited

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 12 ta' Jannar 2004

CHAIRMAN : Is Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 20 ta' Dicembru 2002 b'referenza MSP/TI/115/2002 skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm tmien seduti.

Doreen Vidolich, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-Avukat Aron Mifsud Bonnici u mis-Sur Robert Christiano tal-General Workers' Union waqt li Denim Sports Wear Limited, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-Sur Mark Calleja Urry assistit mill-Avukat Vanessa Borg.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-Kumpanija qalet li t-terminazzjoni ta' l-impieg tal-appellant kienet gustifikata ghaliex

1. fix-xoghol taghha l-appellant ma kienetx tilhaq *l-average tal-production* skond in-normi ta' l-industrija u dan b'mod sostanzjali u ripetutament kif ukoll kellha nuqqasijiet ohra ;
2. dan kien ta' detriment ghall-Kumpanija u ghalhekk inatat diversi warnings, kemm verbali kif ukoll bil-miktub ;
3. izda minkejja dan xorta wahda baqghet ma rrangatx is-sitwazzjoni taghha.

Minn naha taghha l-appellant sostniet li t-tkeccija kienet ingusta ghaliex :

1. hija kienet ghamlet operazzjoni serja u baqghet nieqsa mix-xoghol ghal sitt gimghat ; meta regghet bdiet inbidlilha x-xoghol u anke is-supervisor ;
2. is-supervisor il-gdid kien jibdlilha x-xoghol kontinwament u minhabba li x-xoghol tal-Kumpanija ma kienx dejjem kostanti kien ikollha ammont sostanzjali ta' *waiting time ;*
3. kien hemm perijodi fejn, minhabba nuqqas ta' xoghol, kien ikollha taghmel xoghol ta' tindif u dan wassal biex il-konsistenza taghha tonqos minhabba d-disturb fil-process tal-produzzjoni ;
4. kienet assenjata fuq linja ta' produzzjoni gdida u
5. kellha numru sostanzjali ta' granet nieqsa mix-xoghol minhabba gimghatejn *shut down* u kienet tintalab tiehu l-leave minhabba nuqqas ta' xoghol.

Gie stabbilit li t-terminazzjoni ta' l-impieg saret fuq bazi ta' numru 13 tal-lista ta' kastigi f'Appendix "D" tal-Ftehim Kollettiv bejn il-Kumpanija u l-General Workers' Union. Ghalhekk it-Tibunal ezamina jekk dan giex applikat korrettement.

Wara li gharbel ix-xhieda u d-dokumenti u qis is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet it-Tibunal wasal ghal dawn il-konkluzzjonijiet :

1. ghalkemm xi ftit drabi l-appellant tellghet produzzjoni accettabbli fuq certi operazzjonijiet izda tul l-impieg taghha ma kienetx tlahhaq il-medja mistennija skond in-normi tal-industrija u dan b'mod sostanzjali ;
2. l-appellant kellha esperjenza ta' madwar tlettax il-sena ma kumpaniji ohrajn fuq xoghol ta' l-istess natura qabel ma giet impjegata mal-Kumpanija u ma kienx hemm raguni valida ghaliex ma kelliex tilhaq il-medja stabbilita tal-produzzjoni l-anqas qabel ma ghamlet l-operazzjoni. Fil-fatt il-medja li lahqet tul il-perijodu ta' l-impieg kien bejn 50 u 55 fil-mija u kienet tipproduci hafna *seconds.*
3. ir-raguni li gabet ghan-nuqqas ta' produzzjoni li wara l-operazzjoni nbidlilha x-xoghol u s-supervisor u li dan kien jibdlilha x-xoghol kontinwament mhix sostnuta bil-fatti. Jirrezulta mix-xhieda li baqghget fuq l-istess magna, bl-istess operazzjoni u xi tibdil li kien hemm kien minimu u ma kellux ifixkel il-produzzjoni ta' persuna bl-esperjenza ta' l-appellant ;
4. ir-ragunijiet l-ohra li gabet l-appellant, dawk ta' *shut down, leave* li ngieghlet tiehu, *waiting time* u xoghol ta' tindif l-anqas ma ggustifikaw in-nuqqas ta' produzzjoni. Din kienet baxxa qabel l-operazzjoni u baqghet hekk wara. Fis-*shut down* jieqfu l-impjegati kollha u leave fil-perijodu indikat l-appellant hadet ftit sieghat biss u dan ma kienx sfurzat mill-Kumpanija. Dwar *waiting time* u xoghol ta' tindif jirrezulta li l-hin involut f'dawn jitnaqqas u l-kejl tal-produzzjoni isir biss fuq perijodi li fih impjegata ghandha x-xoghol u tista tahdem.

L-appellant ikkontendiet li l-ittra tat-30 ta' Lulju ma kelliex titqies bhala *warning.* B'din l-ittra l-appellant kienet giet sospiza ghal tlett ijiem u avzata li jekk terga taghmel xi offiza simili titkecca. Din l-ittra ghandha titqies bhala twissija kif ukoll bhala *unfavourable report* fil-kuntest tal-Ftehim Kollettiv.

L-appellant sostniet li l-Kumpanija ma pproducietx dokumentazzjoni dwar l-allegazzjonijiet ta' xoghol hazin. Izda jirrezulta mix-xhieda ta' ufficjali tal-Kumpanija li x-xoghol ta' kull impjegata jkun mmarkat b'*punch card* u wiehed ikun jaf xoghol hazin min ikun ghamlu. Barra minn hekk l-appellant ma kkontestatx li ghamlet xoghol hazin la meta natat il-*warning* tad-29 ta' Settembru 2002 u anqas meta saret l-akkuza fuq l-istess nuqqas fl-ittra tal-31 ta' Ottubru 2002 li biha gie terminat l-impieg. Zgur li l-appellant, jew is-*shop steward* li kien prezenti, kienu jikkontestaw kieku x-xoghol hazin ma kienx taghha. Fil-fatt fejn kien il-kaz hi accettat u ffirmat l-warnings relevanti.

L-appellant qalet ukoll li giet sfurzata indirettament mill-Kumpanija sabiex tiffirma *warnings* minghajr ma natat opportunita ghal spjegazzjoni jew smiegh xieraq. Dan b'ebda mod ma jirrezulta. Kull meta natat *warning* dan sar fil-prezenza tas-*shop steward* u giet nfurmata li setghet ma tiffirmax ghalkemm ghall-Kumpanija dan xorta kien jghodd. Din hi prattika normali fl-industrija ghax kieku wiehed jista' ma jikkontestax izda ma jiffirmax u allura l-*warning* ma jghoddx. Kellha kull dritt tikkontesta, kellha l-opportunita, kellha l-ghinuna tar-rapprezentant tal-Union u setghet ghamlet hekk u ma ffirmatx. Kieku kienet tkun fil-pozizzjoni li tibqa tikkontesta l-validita tal-*warnings.* Hi ghazlet li taccetta u tiffirma u ghalhekk mhux minnu li giet sfurzata u anqas mhi f'pozizzjoni li tikkontesthom.

Kif indikat fl-Istqarrija tal-Kas tal-Kumpanija, t-terminazzjoni ta' l-impieg saret fuq bazi ta' numru 13 tal-lista ta' kastigi elenkati f'Appendix "D" tal-Ftehim Kollettiv. Dan jghid li, *For any third offence when two other unfavourable reports are still on employee's record,* il-piena tkun dik ta' tkeccija.

Il-Kumpanija tterminat l-impieg ta' l-appellant wara r-raba offiza indikata bil-miktub meta hi diga kellha tlett *unfavourable reports* ghadhom jidhru fuq ir-record taghha (u mhux meta kellha tnejn kif setghet ghamlet). Dawn it-tlett rapporti kienu gew accettati u ffirmati mill-appellant fil-prezenza tax-*shop steward* tal-GWU u kienet giet nfurmata li jekk trid tista ma tiffirmahomx. Jirrezulta li l-appellant accettat l-htija ghal dawn in-nuqqasijiet kif ukoll ghall-ahhar offiza li wasslet ghat-terminazzjoni. Dwar din mhux talli ma oggezzjonatx izda rringrazzjat lill-General Manager ghal dak kollu li ghamel maghha.

It- Tribunal ghalhekk jiddeciedi li kien hemm raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi ghat terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin)

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja